

# Linji Gwida



## **Linji Gwida 2/2023 dwar il-Kamp ta' Applikazzjoni Tekniku tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika**

**Verżjoni 2.0**

**Adottati fis-7 ta' Ottubru 2024**

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

*Kronoloġija tal-Verżjonijiet*

Verżjoni 1.0	14 ta' Novembru 2023	Adozzjoni tal-Linji gwida għal konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 2.0	7 ta' Ottubru 2024	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara l-konsultazzjoni pubblika

### Sommarju eżekuttiv

F'dawn il-Linji Gwida, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) jindirizza l-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għal soluzzjonijiet tekniċi differenti. Dawn il-Linji Gwida jespandu fuq l-Opinjoni 9/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għat-teħid tal-marki tas-swaba' b'apparat u għandhom l-għan li jipprovdu fehim ċar tal-operazzjonijiet tekniċi koperti mill-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

Il-ħolqien ta' metodi ta' traċċar ġodda kemm biex jiġu sostitwiti l-għodod ta' traċċar eżistenti (pereżempju, cookies, minħabba t-twaqqif tal-appoġġ għall-cookies ta' partijiet terzi minn xi bejjiegħa ta' brawżers) kif ukoll biex jinħolqu mudelli tan-negozju ġodda jippreżenta tħassib kritiku fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*. Filwaqt li l-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika hija stabbilita u implimentata sew għal xi teknoloġiji ta' traċċar bħall-cookies, hemm bżonn li jiġu indirizzati l-ambigwitajiet relatati mal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni għall-għodod ta' traċċar emerġenti.

Il-Linji Gwida jidentifikaw tliet elementi ewlenin għall-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (Taqsimi 2.1), jiġifieri "informazzjoni", "tagħmir terminali ta' abbonat jew utent" u "kisba ta' aċċess" u "ħżin ta' informazzjoni u informazzjoni maħżuna". Il-Linji Gwida jipprovdu wkoll analiżi dettaljata ta' kull element (Taqsimi 2.2-2.6).

Fit-Taqsimi 3, dik l-analiżi hija applikata għal lista mhux eżawrjenti ta' każijiet ta' użu li jirrappreżentaw tekniki komuni, jiġifieri:

- Traċċar tal-URL u tal-pixel
- Ipproċessar lokali
- Traċċar ibbażat fuq l-indirizz IP biss
- Rappurtar intermittenti u medjat dwar l-Internet tal-Oġġetti (IoT)
- Identifikatur Uniku

## Werrej

1	Introduzzjoni .....	5
2	Analiżi .....	6
2.1	Elementi ewlenin għall-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tal-ePD .....	6
2.2	Il-kunċett ta' "informazzjoni" - Kriterju A .....	6
2.3	Kunċett ta' "tagħmir terminali ta' abbonat jew utent" – Kriterju B.1 .....	7
2.4	Kunċett ta' "network pubbliku ta' komunikazzjoni" – Kriterju B.2.....	8
2.5	Kunċett ta' "kisba ta' aċċess" – Kriterju C.1.....	10
2.6	Kunċetti ta' ħżin ta' informazzjoni u "informazzjoni maħżuna" – Kriterju C.2 .....	11
3	Każijiet ta' użu .....	12
3.1	Traċċar tal-URL u tal-pixel .....	13
3.2	Ipproċessar lokali .....	14
3.3	Traċċar ibbażat fuq l-indirizz IP biss .....	14
3.4	Rappurtar intermittenti u medjat tal-IoT.....	14
3.5	Identifikatur Uniku .....	15

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE (minn hawn 'il quddiem, id-“Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika” jew l-“ePD”),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

### ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN:

## 1 INTRODUZZJONI

1. Skont l-Artikolu 5(3) tal-ePD, *“il-ħżin ta' informazzjoni, jew il-kisba ta' aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna, fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent”* huwa permess biss abbażi ta' kunsens jew neċessità għal skopijiet speċifiċi stabbiliti f'dak l-Artikolu. Kif imfakkar fil-Premessa 24 tal-ePD<sup>2</sup>, l-għan ta' dik id-dispożizzjoni huwa li jiġi protett it-tagħmir terminali tal-utenti, peress li huwa parti mill-isfera privata tal-utenti. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu jirriżulta li l-Artikolu 5(3) tal-ePD ma japplikax esklużivament għall-cookies, iżda wkoll għal “teknoloġiji simili”. Madankollu, attwalment ma hemm l-ebda lista komprensiva tal-operazzjonijiet tekniċi koperti mill-Artikolu 5(3) tal-ePD.
2. L-Opinjoni 9/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (minn hawn 'il quddiem, “WP29”) dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għat-teħid tal-marki tas-swaba' b'apparat (minn hawn 'il quddiem, “Opinjoni 9/2014 WP29”) diġà kkjarifikat li t-teħid tal-marki tas-swaba' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tekniku tal-Artikolu 5(3) tal-ePD<sup>3</sup>, iżda minħabba l-avvanzi ġodda fit-teknoloġiji hija meħtieġa aktar gwida fir-rigward tat-tekniki tat-traċċar osservati attwalment. Ix-xenarju tekniku ilu jevolvi matul l-aħħar deċennju, bl-użu dejjem akbar ta' identifikaturi inkorporati fis-sistemi operattivi, kif ukoll bil-ħolqien ta' għodod ġodda li jippermettu l-ħżin ta' informazzjoni f'tagħmir terminali.

---

<sup>1</sup> Referenzi għall-“Istati Membri” li saru f'dan id-dokument għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-“Istati Membri taż-ŻEE”.

<sup>2</sup> “Tagħmir terminali ta' utenti ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u kull informazzjoni maħżuna fuq tali tagħmir huma parti mill-isfera privata tal-utenti, li jirrikjedu protezzjoni skont il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. L-hekk imsejħa spyware, web bugs, identifikaturi moħbija u mezzi simili jistgħu jidhru fit-terminal tal-utenti mingħajr l-għarfien tagħhom sabiex jiksbu aċċess għall-informazzjoni, jaħżnu informazzjoni moħbija jew jitraċċaw l-attivitajiet tal-utent u jistgħu jinvalu serjament il-privatezza ta' dawn l-utenti. L-użu ta' dawn il-mezzi għandu jiġi permess biss għal skopijiet leġittimi, bl-għarfien tal-utenti konċernati.”

<sup>3</sup> Opinjoni 9/2014 WP29, p. 11.

3. L-ambigwitàjiet fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD ħolqu inċentivi biex jiġu implimentati soluzzjonijiet alternattivi għat-traċċar tal-utenti tal-internet u wasslu għal tendenza li jiġu evitati l-obbligi legali previsti mill-Artikolu 5(3) tal-ePD. Dawn is-sitwazzjonijiet kollha jgħajmu tħassib u jirrikjedu analiżi supplimentari sabiex jikkomplementaw il-gwida preċedenti pprovduti mill-EDPB.
4. L-għan ta' dawn il-Linji Gwida huwa li titwettaq analiżi teknika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD, jiġifieri li jiġi kkjarifikat dak li huwa teknikament kopert mill-frażi *"biex jaħżnu informazzjoni jew ikollhom aċċess għall-informazzjoni maħżuna fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent"*. Dawn il-Linji Gwida ma jindirizzawx iċ-ċirkostanzi li fihom operazzjoni ta' pproċessar tista' taqa' taħt l-eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' kunsens previsti mill-ePD<sup>4</sup>, peress li dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jiġu analizzati fuq bażi ta' każ b'każ billi jittieħed kont tat-traspożizzjoni(jiet) rilevanti tal-Istat Membru, u tal-gwida maħruġa mill-Awtoritajiet Kompetenti nazzjonali.
5. Fl-aħħar parti ta' dawn il-Linji Gwida se tiġi analizzata lista mhux eżawrjenti ta' każijiet ta' użu speċifiċi.

## 2 ANALIŻI

### 2.1 Elementi ewlenin għall-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tal-ePD

6. L-Artikolu 5(3) tal-ePD japplika jekk:
  - a. **KRITERJU A:** L-operazzjonijiet imwettqa jkunu relatati mal-*"informazzjoni"*. Ta' min jinnota li t-terminu użat mhuwiex *"data personali"*, iżda *"informazzjoni"*.
  - b. **KRITERJU B:** L-operazzjonijiet imwettqa jinvolvu *"tagħmir terminali"* ta' abbonat jew utent (B.1), li jinvolvu l-ħtieġa li jiġi vvalutat il-kunċett ta' *"network pubbliku ta' komunikazzjoni"* (B.2).
  - c. **KRITERJU C:** L-operazzjonijiet imwettqa tabilħaqq jikkostitwixxu *"ħżin"* (C.1) jew *"kisba ta' aċċess"* (C.2). Dawn iż-żewġ kunċetti jistgħu jiġu studjati b'mod indipendenti, kif imfakkar fl-Opinjoni 9/2014 WP29: *"L-użu tal-kliem "maħżun jew aċċessat" jindika li l-ħżin u l-aċċess ma għandhomx għalfejn iseħħu fl-istess komunikazzjoni u ma għandhomx għalfejn jitwettqu mill-istess parti"*<sup>5</sup>.

Għal raġunijiet ta' leġġibbiltà, l-entità li tikseb aċċess għall-informazzjoni maħżuna fit-tagħmir terminali tal-utent minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ *"entità ta' aċċess"*.

### 2.2 Il-kunċett ta' "informazzjoni" - Kriterju A

7. Kif espress fil-KRITERJU A, din it-taqsimha tagħti dettalji dwar x'inhu kopert taħt il-kunċett ta' *"informazzjoni"*. L-għażla tat-terminu *"informazzjoni"*, li tinkludi kategorija usa' mis-sempliċi kunċett ta' *data personali*, hija relatata mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
8. L-għan tal-Artikolu 5(3) tal-ePD huwa li tiġi protetta l-isfera privata tal-utenti, kif iddikjarat fil-Premessa 24 tagħha: *"Tagħmir terminali ta' utenti ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u kull informazzjoni maħżuna fuq tali tagħmir huma parti mill-isfera privata tal-utenti li teħtieġ protezzjoni*

<sup>4</sup> Kif iddikjarat fl-Artikolu 5(3) tal-ePD: *"Dan m'għandux jipprevjeni ħżin tekniku jew l-aċċess għall-iskop uniku li titwettaq jew tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni ta' komunikazzjoni fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew kif strettament meħtieġ sabiex jiġi provdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni espliċitament mitlub mill-abbonat jew utent."*

<sup>5</sup> Opinjoni 9/2014 WP29, p. 8.

skont il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali”. Hija protetta wkoll mill-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

9. Fil-fatt, ix-xenarji li jidħlu f'din l-isfera privata anke mingħajr ma jinvolvu *data* personali huma koperti b'mod espliċitu mill-formulazzjoni tal-Artikolu 5(3) u tal-Premessa 24 tal-ePD, pereżempju l-ħżin ta' viruses fuq it-tagħmir terminali tal-utent. Dan juri li d-definizzjoni tat-terminu “informazzjoni” ma għandhiex tkun limitata għall-proprjetà li tkun relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli.
10. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE: *“Dik il-protezzjoni tapplika għal kwalunkwe informazzjoni maħżuna f'tali tagħmir terminali, irrispettivament minn jekk tkunx data personali jew le, u hija maħsuba, b'mod partikolari, kif inhu ċar minn dik il-premessa, biex tiproteġi lill-utenti mir-riskju li l-identifikaturi moħbija u tagħmir simili ieħor jidħlu fit-tagħmir terminali ta' dawk l-utenti mingħajr l-għarfien tagħhom”*<sup>6</sup>.
11. Il-kwistjoni dwar jekk l-oriġini ta' din l-informazzjoni u r-raġunijiet għalfejn hija maħżuna fit-tagħmir terminali għandhomx jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tal-ePD ġiet ikkjarifikata minn qabel. Pereżempju, fl-Opinjoni 9/2014 WP29: *“Mhuwiex korrett li dan jiġi interpretat bħala li jfisser li l-parti terza ma teħtieġx kunsens biex taċċessa din l-informazzjoni sempliċiment minħabba li ma tkunx ħażnitha. Ir-rekwiżit tal-kunsens japplika wkoll meta jiġi aċċessat valur li jinqara biss (eż. talba għall-indirizz MAC ta' interfaċċa tan-network permezz tal-API tas-sistema operattiva)”*<sup>7</sup>.
12. Bħala konklużjoni, il-kunċett ta' informazzjoni jinkludi kemm *data* mhux personali kif ukoll *data* personali, irrispettivament minn kif din id-*data* ġiet maħżuna u minn min, jiġifieri jekk minn entità esterna (inklużi wkoll entitajiet oħra minbarra dik li għandha aċċess), mill-utent, minn manifattur, jew kwalunkwe xenarju ieħor.

### 2.3 Kunċett ta' “tagħmir terminali ta' abbonat jew utent” – Kriterju B.1

13. Din it-taqsimha tibni fuq id-definizzjoni użata fid-Direttiva 2008/63/KE u kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, fejn “tagħmir terminali” huwa definit bħala: *“tagħmir direttament jew indirettament konness mal-interfaċċa ta' network tat-telekomunikazzjoni pubblika sabiex jibgħat, jipproċessa jew jirċievi informazzjoni; f'kull każ, direttament jew indirettament, il-konnessjoni tista' ssir bil-wajer, fibra ottika jew b'mod elettromanjetiku; konnessjoni hija indiretta jekk jitqiegħed tagħmir bejn it-terminal u l-interfaċċa tan-network”*<sup>8</sup>.
14. Il-premessa 24 tal-ePD tipprovdi fehim ċar tar-rwol tat-tagħmir terminali għall-protezzjoni offruta mill-Artikolu 5(3) tal-ePD. L-ePD tiproteġi l-privatezza tal-utenti mhux biss fir-rigward tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tagħhom iżda wkoll billi tissalvagwardja l-integrità tat-tagħmir terminali tal-utent. Dan il-fehim se jiġgwida l-interpretazzjoni tal-kunċett tat-tagħmir terminali f'dawn il-Linji Gwida.
15. L-Artikolu 3 tal-ePD jiddikjara li għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ePD, l-ipproċessar ta' *data* personali għandu jitwettagħ b'rabta mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni. Dan ifisser li apparat għandu jkun jista' jintuża b'rabta ma' tali servizz u li, sabiex jikkwalifika bħala tagħmir terminali, għandu jkun konness jew jista'

<sup>6</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ottubru 2019, Planet 49, Kawża C-673/17, ECLI:EU:C:2019:801, il-paragrafu 70.

<sup>7</sup> Opinjoni 9/2014 WP29, p. 8.

<sup>8</sup> Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet, Artikolu 1(1).

jiġi konness<sup>9</sup> mal-interfaċċa ta' network pubbliku ta' komunikazzjoni. L-EDPB josserva li l-emendi li saru<sup>10</sup> fl-2009 fit-test tal-Artikolu 5(3) tal-ePD estendew il-protezzjoni tat-tagħmir terminali billi ħassru r-referenza għall-“użu ta' network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi” bħala mezz biex tinħażen l-informazzjoni jew biex jinkiseb aċċess għall-informazzjoni maħżuna fit-tagħmir terminali. Għalhekk, sakemm apparat ikollu interfaċċa tan-network li tagħmlu eliġibbli għall-konnessjoni (anki jekk tali konnessjoni ma tkunx preżenti), l-Artikolu 5(3) tal-ePD japplika għal kull entità li taħżen u tikseb aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali jkun xi jkun il-mezz ta' aċċess għat-tagħmir terminali, u jekk ikunx konness jew skonnettjat minn network

16. It-tagħmir li huwa parti min-network pubbliku ta' komunikazzjonijiet elettroniċi nnifsu ma jiġix ikkunsidrat bħala tagħmir terminali skont l-Artikolu 5(3) tal-ePD<sup>11</sup>.
17. Tagħmir terminali jista' jkun magħmul minn kwalunkwe numru ta' biċċiet individwali ta' hardware, li flimkien jiffurmaw it-tagħmir terminali. Dan jista' jieħu l-forma jew le ta' apparat fiżikament magħluq li jospita d-displej kollu, l-ipproċessar, il-ħżin u l-hardware periferali (pereżempju, smartphones, laptops, apparat ta' ħżin imqabblad ma' network, karozzi konnessi jew televiżjonijiet konnessi, nuċċalijiet intelliġenti).
18. L-ePD tirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni maħżuna fuq it-tagħmir terminali ta' utent u l-integrità tat-tagħmir terminali tal-utent mhijiex limitata għall-protezzjoni tal-isfera privata ta' persuni fiżiċi iżda tikkonċerna wkoll id-dritt għar-rispett tal-korrispondenza tagħhom jew l-interessi leġittimi ta' persuni ġuridiċi<sup>12</sup>. Bħala tali, tagħmir terminali li jippermetti li titwettagħ din il-korrispondenza u l-interessi leġittimi tal-persuni ġuridiċi huwa protett skont l-Artikolu 5(3) tal-ePD.
19. L-utent jew l-abbonat jista' jippossjedi jew jikri jew b'xi mod ieħor jiġi pprovdut bit-tagħmir terminali. Utenti jew abbonati multipli jistgħu jikkondividu l-istess tagħmir terminali.
20. Din il-protezzjoni hija ggarantita mill-ePD għat-tagħmir terminali assoċjati mal-utent jew l-abbonat, u ma tiddependix fuq jekk l-utent jistabbilix il-mezzi ta' aċċess (pereżempju jekk ikun beda l-komunikazzjoni elettronika) jew anki fuq jekk l-utent ikunx konxju tal-mezzi ta' aċċess imsemmija.

#### 2.4 Kunċett ta' “network pubbliku ta' komunikazzjoni” – Kriterju B.2

21. Peress li s-sitwazzjoni rregolata mill-ePD hija dik relatata mal-“*provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament f'networks ta' komunikazzjoni pubblika fil-Komunità*”<sup>13</sup>, u d-definizzjoni ta' tagħmir terminali ssemmi speċifikament il-kunċett ta' “*network pubbliku ta'*

---

<sup>9</sup> Jiġifieri, ikun hemm il-kapaċitajiet tekniċi għall-konnessjoni man-network anki jekk dik il-konnessjoni ma tkunx attwalment preżenti.

<sup>10</sup> Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (Test b'rilevanza għaż-żEE), ĠU L 337, 18.12.2009, Artikolu 2(5) u Premessa 65.

<sup>11</sup> Biex tidentifika l-limiti tan-network f'kuntesti differenti, irreferi għal-Linji Gwida tal-BEREC dwar Approċċi Komuni għall-Identifikazzjoni tal-Punt ta' Terminazzjoni tan-Network f'topoloġiji differenti tan-Network (BoR (20) 46)

<sup>12</sup> Tabilħaqq, kif imfakkar fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-utent jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika.

<sup>13</sup> Artikolu 3 tal-EPD.



*komunikazzjonijiet*”, huwa kruċjali li jiġi kkjarifikat dan il-kunċett biex jiġi identifikat il-kuntest li fih japplika l-Artikolu 5(3) tal-ePD.

22. Il-kunċett ta’ network ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi mhuwiex definit fi ħdan l-ePD nfisha. Dan il-kunċett kien oriġinarjament imsemmi fid-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru) li tistabbilixxi qafas regolatorju komuni għan-networks u s- servizz ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi<sup>14</sup>, sussegwentement issostitwit bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2018/1972 (il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi). Dan issa jaqra:

*“network ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi” tfisser sistemi ta’ trażmissjoni, irrISPettivament jekk humiex ibbażati fuq infrastruttura permanenti jew fuq kapaċità amministrattiva ċentralizzata, u, fejn applikabbli, tagħmir tal-iswiċċjar jew li jagħti rotta kif ukoll riżorsi oħra, li jinkludi elementi tan-network li mhuwiex attivi u jħalli t-trażmissjoni tas-sinjali bil-wajer, bir-radju, b’mezzi ottiċi jew elettromanjetiċi oħrajn, inkluż networks tas-satellita, networks fissi (isswiċċjati ma’ ċirkwit u ma’ pakkett, inkluż l-internet) u networks tal-mobile, sistemi ta’ kejbils tal-elettriku, sakemm dawn jintużaw biex jitrażmettu sinjali, networks tax-xandir bir-radju u tat-televiżjoni, kif ukoll networks tat-televiżjoni bil-kejbil, irrISPettivament mit-tip ta’ informazzjoni li jwasslu.<sup>15</sup>*

23. Din id-definizzjoni hija newtrali fir-rigward tat-teknoloġiji ta’ trażmissjoni. Network ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, skont din id-definizzjoni, huwa kwalunkwe sistema ta’ network li tippermetti t-trażmissjoni ta’ sinjali elettroniċi bejn in-nodi tagħha, irrISPettivament mit-tagħmir u l-protokollu użati.
24. Il-kunċett ta’ network ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi skont id-Direttiva 2018/1972 ma jiddependix fuq in-natura pubblika jew privata tal-infrastruttura, u lanqas fuq il-mod kif in-network jiġi skjerat jew ġestit (*“ibbażat jew le fuq infrastruttura permanenti jew kapaċità ta’ amministrazzjoni ċentralizzata”*<sup>16</sup>.) B’riżultat ta’ dan, id-definizzjoni ta’ network ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2018/1972, hija wiesgħa biżżejjed biex tkopri kwalunkwe tip ta’ infrastruttura. Dan jinkludi networks ġestiti jew le minn operatur, networks ġestiti b’mod konġunt minn grupp ta’ operaturi, jew anke networks *ad hoc* li fihom tagħmir terminali jista’ jingħaqad dinamikament jew iħalli network ta’ tagħmir terminali ieħor bl-użu ta’ protokollu tat-trażmissjoni fuq medda qasira.
25. Din id-definizzjoni ta’ network ma tagħti ebda limitazzjoni fir-rigward tal-għadd ta’ tagħmir terminali preżenti fin-network fi kwalunkwe ħin. Xi skemi ta’ networking jiddependu fuq nodi li jgħaddu l-informazzjoni b’mod *ad hoc* lejn nodi li attwalment huma konnessi<sup>17</sup> u f’x’ċertu mument jista’ jkollhom sa żewġ pari f’kommunikazzjoni. Każijiet bħal dawn jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ġenerali tad-Direttiva ePD, sakemm il-protokoll tan-network jippermetti inklużjoni ulterjuri tal-pari.
26. Id-disponibbiltà pubblika tan-network ta’ komunikazzjoni hija meħtieġa biex l-apparat jiġi kkunsidrat bħala tagħmir terminali u bħala konsegwenza għall-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tal-ePD. Għandu jiġi nnotat li l-fatt li n-network ikun disponibbli għal subsett limitat tal-pubbliku (pereżempju, abbonati,

---

<sup>14</sup> Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)

<sup>15</sup> Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riformulazzjoni) (Test b’rilevanza għaż-ŻEE), Artikolu 2(1).

<sup>16</sup> Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riformulazzjoni) (Test b’rilevanza għaż-ŻEE), Artikolu 2(1).

<sup>17</sup> Pereżempju, fil-kuntest ta’ skema ta’ networking b’tolleranza għal dewmien li timplimenta “tekniki ta’ ħżin u żvilupp”, bħall-proġett Briar open source.

kemm jekk iħallsu kif ukoll jekk le, soġġetti għal kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà) ma jagħmilx tali network privat<sup>18</sup>.

## 2.5 Kunċett ta' "kisba ta' aċċess" – Kriterju C.1

27. Sabiex il-kunċett ta' "kisba ta' aċċess" jiġi inkwadrat b'mod korrett, huwa importanti li jiġi kkunsidrat il-kamp ta' applikazzjoni tal-ePD, iddikjarat fl-Artikolu 1 tiegħu: *"biex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' ħarsien ta' drittijiet u libertajiet fundamentali, partikolarment id-dritt għall-privatezza, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta' tali data u tat-tagħmir u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità"*.
28. Fi ftit kliem, l-ePD hija strument legali li jippreżerva l-privatezza li għandu l-għan li jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tal-apparat. Fil-Premessa 24 tal-ePD, jiġi kkjarifikat li, fil-każ ta' persuni fiżiċi, it-tagħmir terminali tal-utent huwa parti mill-isfera privata tagħhom u li l-aċċess għal informazzjoni maħżuna fuqu mingħajr ma jkun jafu jista' jidħol serjament fil-privatezza tagħhom.
29. Il-persuni ġuridiċi huma ssalvagwardjati wkoll mill-ePD<sup>19</sup>. Konsegwentement, il-kunċett ta' "ksib ta' aċċess" skont l-Artikolu 5(3) tal-ePD, għandu jiġi interpretat b'mod li jissalvagwardja dawk id-drittijiet kontra l-ksur minn partijiet terzi.
30. Il-ħżin tal-informazzjoni jew il-kisba tal-aċċess jistgħu jkun operazzjonijiet indipendenti, u jitwettqu minn entitajiet indipendenti. Il-ħżin tal-informazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna ma għandhomx għalfejn ikunu preżenti t-tnejn li huma biex japplika l-Artikolu 5(3) tal-ePD.
31. Kif innotat fl-Opinjoni 9/2014 WP29: L-*"Użu tal-kliem "maħżun jew aċċessat" jindika li l-ħżin u l-aċċess ma għandhomx għalfejn iseħħu fl-istess komunikazzjoni u ma għandhomx għalfejn jitwettqu mill-istess parti. L-informazzjoni li tinħażen minn parti waħda (inkluża l-informazzjoni maħżuna mill-manifattur tal-utent jew tal-apparat) li aktar tard tiġi aċċessata minn parti oħra hija għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3)"*<sup>20</sup>. Konsegwentement, ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-orijini tal-informazzjoni fuq it-tagħmir terminali biex jiġi applikat il-kunċett ta' aċċess.
32. Kull meta entità tiegħu passi biex tikseb aċċess għall-informazzjoni maħżuna fit-tagħmir terminali, japplika l-Artikolu 5(3) tal-ePD. Normalment dan jinvolvi li l-entità ta' aċċess tibgħat b'mod proattiv struzzjonijiet speċifiċi lit-tagħmir terminali sabiex tirċievi lura l-informazzjoni mmirata. Pereżempju, dan huwa l-każ għall-cookies, fejn l-entità ta' aċċess tagħti struzzjonijiet lit-tagħmir terminali biex jibgħat b'mod proattiv informazzjoni dwar kull sejħa sussegwenti tal-Protokoll tat-Trasferiment tal-IPertest ("HTTP").
33. Dan huwa ugwalment il-każ meta l-entità ta' aċċess tiddistribwixxi software fuq it-tagħmir terminali tal-utent li jkun maħżun u mbagħad issejjaħ b'mod proattiv punt terminali tal-Interfaċċa għall-lpprogrammar tal-Aplikazzjonijiet ("API") permezz tat-tagħmir tan-network. Eżempji addizzjonali jinkludu l-kodiċi JavaScript, fejn l-entità ta' aċċess tagħti struzzjonijiet lill-brawżer tal-utent biex jibgħat talbiet asinkroniċi bl-informazzjoni mmirata. Tali aċċess jaqa' b'mod ċar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD, peress li l-entità ta' aċċess espliċitament tagħti struzzjonijiet lit-tagħmir terminali biex jibgħat l-informazzjoni.

---

<sup>18</sup> Għal analiżi ulterjuri dwar l-identifikazzjoni ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjoni, irreferi għal-Linji Gwida tal-BEREC dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament dwar Internet Miftuħ (BoR (20) 112)

<sup>19</sup> Premessa 26 tal-ePD, ara l-paragrafu 17 hawn fuq.

<sup>20</sup> Opinjoni 9/2014 WP29, p. 8.

34. F'xi każijiet, l-entità li tagħti struzzjonijiet lit-tagħmir terminali biex tintbagħat lura d-*data* mmirata u l-entità li tirċievi l-informazzjoni jistgħu ma jkunux l-istess. Dan jista' jirriżulta mill-forniment u/jew l-użu ta' mekkaniżmu komuni bejn iż-żewġ entitajiet. L-istruzzjoni lill-apparat biex jibgħat informazzjoni diġà maħżuna (pereżempju, permezz tal-użu ta' protokoll, jew SDK<sup>21</sup> li jinvolvi t-trażmissjoni proattiva ta' informazzjoni mit-tagħmir terminali) tagħmel intrużjoni fit-tagħmir terminali possibbli, u għalhekk tali aċċess iwassal għall-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tal-ePD. Kif innotat fl-Opinjoni 09/2014 WP29, dan jista' jkun il-każ meta sit web jagħti struzzjonijiet lit-tagħmir terminali biex jibgħat informazzjoni lil servizzi ta' reklamar ta' partijiet terzi permezz tal-inklużjoni ta' pixel tat-traċċar<sup>22</sup>. Dan il-każ ta' użu jiġi żviluppat aktar fit-taqsim 3.1.

## 2.6 Kunċetti ta' ħżin ta' informazzjoni u "informazzjoni maħżuna" – Kriterju C.2

35. Il-ħżin ta' informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(3) tal-ePD jirreferi għat-tqegħid ta' informazzjoni fuq mezz fiżiku ta' ħżin elettroniku li huwa parti mit-tagħmir terminali tal-utent jew tal-abbonat.<sup>23</sup>
36. Tipikament, l-informazzjoni ma tinħażinx fit-tagħmir terminali ta' utent jew abbonat permezz ta' aċċess dirett għall-memorja tal-apparat minn parti oħra, iżda pjuttost billi jingħata struzzjonijiet lis-software fuq it-tagħmir terminali biex tiġi ġġenerata informazzjoni speċifika. Il-ħżin li jsir permezz ta' dawn l-istruzzjonijiet tiġi kkunsidrata li tkun inbdiet direttament mill-parti l-oħra. Dan jinkludi l-użu ta' protokoll stabbiliti bħall-ħżin tal-cookies tal-brawżer kif ukoll software personalizzat, irrispettivament minn min ħoloq jew installa l-protokoll jew is-software fuq it-tagħmir terminali.
37. L-ePD ma tqiegħed l-ebda limitu superjuri jew inferjuri fuq it-tul ta' żmien li l-informazzjoni għandha tippersisti fuq mezz ta' ħżin li għandu jitqies bħala maħżun, u lanqas ma hemm limitu superjuri jew inferjuri fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tinħażen.
38. Bl-istess mod, il-kunċett ta' ħżin ma jiddependix mit-tip ta' mezz li fuqu tinħażen l-informazzjoni. Eżempji tipiċi jinkludu hard disc drives ("HDD"), solid state drives ("SSD"), memorja tinqara biss, kanċellabbli u programmabbli bl-elettriku ("EEPROM") u memorja b'aċċess każwali ("RAM"), iżda xenarji inqas tipiċi li jinvolvu mezz bħal tejp manjetiku jew cache tal-unità ċentrali ta' pproċessar ("CPU") mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni. Il-mezz ta' ħżin jista' jiġi konness internament (eż. permezz ta' konnessjoni SATA), esternament (eż. permezz ta' konnessjoni USB)
39. "Informazzjoni maħżuna" tirreferi għal informazzjoni diġà eżistenti fuq it-tagħmir terminali, irrispettivament mis-sors jew in-natura ta' din l-informazzjoni. Dan jinkludi kwalunkwe riżultat mill-ħżin tal-informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(3) tal-ePD kif deskritt hawn fuq (jew mill-istess parti li aktar tard tikseb aċċess jew minn parti terza oħra). Barra minn hekk, dan jinkludi riżultati ta' proċessi ta' ħżin ta' informazzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD, bħal: ħżin fuq it-tagħmir terminali mill-utent jew mill-abbonat innifsu, jew minn manifattur tal-hardware (bħall-indirizzi MAC tal-kontrolluri tal-interfaċċa tan-network), sensuri integrati fit-tagħmir terminali jew proċessi u programmi eżegwiti fuq it-tagħmir terminali, li jistgħu jipproduċu jew ma jipproduċux informazzjoni li hija dipendenti fuq l-informazzjoni maħżuna jew derivata minnha.

---

<sup>21</sup> SDK ("għodda għall-iżvilupp ta' software") hija ġabra ta' għodod għall-iżvilupp ta' software li huma disponibbli biex jiffaċilitaw il-ħolqien ta' software ta' applikazzjoni.

<sup>22</sup> Opinjoni 9/2014 WP29, p. 9.

<sup>23</sup>Kif definit fit-taqsim 2.3 ta' dawn il-Linji Gwida.

### 3 KAŻIJET TA' UŻU

40. Kif indikat fl-introduzzjoni ta' dawn il-Linji Gwida<sup>24</sup>, dawn ma janalizzawx l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-obbligu li jinġabar il-kunsens previst fl-Artikolu 5(3) tal-ePD. L-EDPB ifakkar li għall-każijiet kollha fejn hemm ħżin ta' informazzjoni jew kisba ta' aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna, ikollu jiġi vvalutat jekk huwiex meħtieġ kunsens jew jekk tistax tapplika eżenzjoni skont l-Artikolu 5(3) tal-ePD. Il-qarrej għandu għalhekk jikkunsidra l-eżenzjonijiet fil-każ tal-użu tiegħu, flimkien ma' din l-analiżi teknika.
41. Mingħajr preġudizzju għall-kuntest speċifiku li fih jistgħu jintużaw dawk il-kategoriji tekniċi li huma meħtieġa biex jikkwalifikaw jekk l-Artikolu 5(3) tal-ePD huwiex applikabbli, huwa possibbli li jiġu identifikati, b'mod mhux eżawrjenti, kategoriji wiesgħa ta' identifikaturi u informazzjoni li jintużaw b'mod wiesa' u li jistgħu jkunu soġġetti għall-applikabbiltà tal-Artikolu 5(3) tal-ePD.
42. Il-komunikazzjoni tan-network normalment tiddependi fuq mudell b'saffi li jeħtieġ l-użu ta' identifikaturi li jippermettu l-istabbiliment u t-twettiq xierqa tal-komunikazzjoni. Il-komunikazzjoni ta' dawk l-identifikaturi lill-atturi remoti tingħata struzzjonijiet permezz ta' software wara protokoll ta' komunikazzjoni maqbula. Kif deskritt hawn fuq, il-fatt li l-entità li tirċievi l-appoġġ tista' ma tkunx l-entità li tagħti l-istruzzjoni biex tintbagħat l-informazzjoni ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD. Dan jista' jikkonċerna identifikaturi tar-rotta bħall-indirizz MAC jew IP tat-tagħmir terminali, iżda wkoll identifikaturi tas-sessjoni (SSRC, identifikatur tas-Websocket, jew tokens ta' awtentikazzjoni).
43. Bl-istess mod, il-protokoll tal-applikazzjoni jista' jinkludi diversi mekkaniżmi biex tiġi pprovduta *data* tal-kuntest (bħal HTTP header inkluż il-kamp "aċċetta" jew l-aġent tal-utent), mekkaniżmu ta' caching (bħal ETag<sup>25</sup>) jew funzjonalitajiet oħra (inklużi cookies jew HSTS<sup>26</sup>). Għal darb'oħra, id-dipendenza fuq dawk il-mekkaniżmi biex tinġabar l-informazzjoni (pereżempju fil-kuntest tat-teħid tal-marki tas-swaba<sup>27</sup> jew tat-traċċar tal-identifikaturi tar-riżorsi) tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD.
44. Min-naħa l-oħra, hemm xi kuntesti li fihom l-applikazzjonijiet lokali installati fit-tagħmir terminali jużaw xi informazzjoni strettament ġewwa t-terminal, kif jista' jkun il-każ għall-APIs tas-sistema tal-smartphone (aċċess għal kamera, mikrofonu, sensur tal-GPS, ċippa tal-aċċeleratur, ċippa tar-radju, aċċess għall-fajls lokali, lista ta' kuntatt, aċċess għall-identifikaturi, eċċ.). Dan jista' jkun il-każ ukoll għall-brawżers tal-web li jipproċessaw informazzjoni maħżuna jew iġġenerata fl-apparat (bħal cookies, ħżin lokali, WebSQL, jew anke informazzjoni pprovduta mill-utenti nfushom). L-użu ta' tali informazzjoni b'applikazzjoni ma jikkostitwix "kisba ta' aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tal-ePD sakemm l-informazzjoni ma tħallix l-apparat, iżda meta din l-informazzjoni jew kwalunkwe derivazzjoni ta' din l-informazzjoni tiġi aċċessata, ikun japplika l-Artikolu 5(3) tal-ePD.
45. Fl-aħħar nett, f'xi każijiet, elementi malizzjużi ta' software jitqassmu minn atturi, pereżempju software għall-estrazzjoni tal-kripto jew b'mod aktar ġenerali malware, li jisfruttaw il-kapaċitajiet tal-iproċessar

---

<sup>24</sup> Ara l-paragrafu 4 hawn fuq.

<sup>25</sup>L-HTTP ETag huwa identifikatur li jippermetti li ssir talba kondizzjonali bbażata fuq il-validità tad-*data* tal-klijenti fil-cache.

<sup>26</sup> L-HTTP Strict Transport Security (HSTS) tippermetti lis-servers jispeċifikaw liema riżorsi għandhom dejjem jintalbu bl-użu ta' konnessjonijiet HTTPS.

<sup>27</sup> Kif innotat fl-introduzzjoni, jekk jogħġbok ara l-Opinjoni 9/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għat-teħid tal-marki tas-swaba' b'apparat Adottati

tat-tagħmir terminali għall-benefiċċju tal-attur li jiddistribwixxi. Id-distribuzzjoni ta' tali software malizzjuż fit-tagħmir terminali tal-utent tikkostitwixxi "ħżin" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tal-ePD. Barra minn hekk, jekk is-software jistabbilixxi konnessjoni tan-network biex jibgħat l-informazzjoni fi stadju aktar tard, din tkun tikkostitwixxi "kisba ta' aċċess" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tal-ePD

46. Għal subsett ta' dawn il-kategoriji li jippreżentaw interess speċifiku, jew minħabba l-użu mifruż tagħhom jew minħabba li studju speċifiku huwa ġġustifikat fir-rigward taċ-ċirkostanzi tal-użu tagħhom, analiżi speċifika hija pprovduta hawn taħt.

### 3.1 Traċċar tal-URL u tal-pixel

47. Pixel tat-traċċar huwa iperlink għal riżorsa, normalment fajl ta' immaġni, inkorporat f'biċċa kontenut bħal sit web jew email. Dan il-pixel normalment ma jissodisfa l-ebda skop relatat mal-kontenut mitlub innifsu; l-iskop uniku tiegħu huwa li awtomatikament jistabbilixxi komunikazzjoni mill-klijent lill-ospitant tal-pixel, li kieku ma kienx iseħħ. Madankollu, dan mhuwiex sistematiku u l-pixels tat-traċċar jistgħu jinħolqu wkoll billi tiżdied informazzjoni addizzjonali mal-immaġnijiet ta' llowdjar tal-iperlinks li huma rilevanti għall-kontenut muri lill-utent. L-istabbiliment tal-komunikazzjoni jitrażmetti diversi informazzjoni lill-ospitant tal-pixel, skont il-każ ta' użu speċifiku.
48. Fil-każ ta' email, l-ispeditur jista' jinkludi pixel tat-traċċar biex jindividwa meta r-riċevitur jaqra l-email. Il-pixels tat-traċċar fuq is-siti web jistgħu jiġu konnessi ma' entità li tiġbor ħafna tali talbiet u b'hekk tkun tista' tittraċċa l-imġiba tal-utenti. Tali pixels tat-traċċar jista' jkun fihom ukoll identifikaturi, metadata jew kontenut addizzjonali bħala parti mil-link. Dawn il-punti ta' *data* jistgħu jiżdiedu mis-sid tas-sit web, possibbilment relatati mal-attività tal-utent fuq dak is-sit web sabiex ikunu jistgħu jiġu ġġenerati rapporti dwar l-użu analitiku. Dawn jistgħu jiġu ġġenerati wkoll dinamikament permezz ta' loġika applikattiva min-naħa tal-klijent iprovduta mill-entità.
49. Il-links tat-traċċar jistgħu jiffunzjonaw bl-istess mod, iżda l-identifikatur jiżdied mal-indirizz tas-sit web. Meta l-utent iżur il-Lokalizzatur Uniformi tar-Riżorsi ("URL"), is-sit web fil-mira jillowdja r-riżorsa mitluba iżda jiġbor ukoll identifikatur li ma jkunx rilevanti f'termini tal-identifikazzjoni tar-riżorsa. Dawn jintużaw b'mod komuni ħafna mis-siti web tal-kummerċ elettroniku biex tiġi identifikata l-orġini tas-sors tagħhom ta' traffiku dieħel. Pereżempju, dawn is-siti web jistgħu jipprovdu links traċċati lis-sħab biex jużaw fid-dominju tagħhom, sabiex is-sit web tal-kummerċ elettroniku jkun jaf min mis-sħab tagħhom huwa responsabbli għall-bejgħ u jħallas kummissjoni, prattika magħrufa bħala kummerċjalizzazzjoni affiljata.
50. Kemm il-links tat-traċċar kif ukoll il-pixels tat-traċċar jistgħu jiġu distribwiti permezz ta' varjetà wiesgħa ta' kanali, pereżempju permezz ta' emails, siti web, jew saħansitra, fil-każ ta' links tat-traċċar, permezz ta' kwalunkwe tip ta' sistema ta' messaġġi testwali. Dik id-distribuzzjoni lit-tagħmir terminali tal-utent tikkostitwixxi ħżin, għall-inqas permezz tal-mekkaniżmu ta' caching tas-software tan-naħa tal-klijent. Bħala tali, l-Artikolu 5(3) tal-ePD huwa applikabbli, anki jekk dan il-ħżin ma jkunx permanenti.
51. Iż-żieda ta' informazzjoni ta' traċċar mal-URLs jew l-immaġnijiet (pixels) mibgħuta lill-utent tikkostitwixxi struzzjoni fit-tagħmir terminali biex tintbagħat lura l-informazzjoni mmirata (l-identifikatur speċifikat). Fil-każ ta' pixels tat-traċċar mibnija dinamikament, hija d-distribuzzjoni tal-loġika applikattiva (normalment kodiċi JavaScript) li tikkostitwixxi l-istruzzjoni. B'konsegwenza ta' dan, jista' jiġi kkunsidrat li l-ġbir ta' identifikaturi pprovduti permezz ta' tali mekkaniżmi ta' traċċar jikkostitwixxi "kisba ta' aċċess" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tal-ePD, u b'hekk japplika għal dak il-pass ukoll.

## 3.2 Ipproċessar lokali

52. Xi teknoloġiji jiddependu mill-iproċessar lokali mitlub minn software distribwit fuq it-tagħmir terminali tal-utenti, fejn l-informazzjoni prodotta mill-iproċessar lokali mbagħad issir disponibbli għall-atturi magħżula permezz ta' API tan-naħa tal-klijent. Dan jista' pereżempju jkun il-każ għal API pprovduta mill-brawżer tal-web, fejn ir-riżultati ġġenerati lokalment jistgħu jiġu aċċessati b'mod remot.
53. Jekk fi kwalunkwe punt u pereżempju fil-kodiċi tan-naħa tal-klijent, l-informazzjoni pproċessata ssir disponibbli għal parti terza, pereżempju tintbagħat lura fuq in-network lil server, tali operazzjoni (mogħtija struzzjonijiet mill-entità li tipproduċi l-kodiċi tan-naħa tal-klijent distribwiti fuq it-tagħmir terminali tal-utent) tikkostitwixxi "kisba ta' aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna". Il-fatt li din l-informazzjoni qed tiġi prodotta lokalment ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD.

## 3.3 Traċċar ibbażat fuq l-indirizz IP biss

54. Xi fornituri qed jiżviluppaw soluzzjonijiet li jiddependu biss fuq il-ġbir ta' komponent wieħed, jiġifieri l-indirizz IP, sabiex isegwu n-navigazzjoni<sup>28</sup> tal-utent, f'xi każ f'diversi dominji. F'dak il-kuntest l-Artikolu 5(3) tal-ePD jista' japplika anki jekk l-istruzzjoni biex l-IP jsir disponibbli tkun saret minn entità differenti minn dik riċeventi.
55. Madankollu, il-ksib ta' aċċess għall-indirizzi IP jiskatta biss l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD f'każijiet fejn din l-informazzjoni toriġina mit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent. Filwaqt li mhuwiex sistematikament il-każ (pereżempju meta jiġi attivat CGNAT<sup>29</sup>), l-IPv4 statiku ħiereġ li joriġina mir-router ta' utent jaqa' taħt dak il-każ, kif ukoll l-indirizzi IPv6 peress li dawn huma parzjalment definiti mill-ospitant. Sakemm l-entità ma tkunx tista' tiżgura li l-indirizz IP ma joriġinax mit-tagħmir terminali ta' utent jew abbonat, għandha tiegħu l-passi kollha skont l-Artikolu 5(3) tal-ePD.
56. Filwaqt li dawn il-linji gwida ma janalizzawx l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-obbligu li jinġabar il-kunsens previst mill-Artikolu 5(3) tal-ePD, huwa importanti li għal darb' oħra jitfakkar li l-applikabbiltà ta' dan l-Artikolu ma tfissirx sistematikament li jeħtieġ li jinġabar il-kunsens. Għalhekk, il-EDPB ifakkar li f'kull każ għandu jiġi vvalutat jekk huwiex meħtieġ kunsens jew jekk tistax tapplika eżenzjoni taħt l-Artikolu 5(3) tal-ePD<sup>30</sup>.

## 3.4 Rappurtar intermittenti u medjat tal-IoT

57. L-apparati tal-IoT (Internet tal-Oġġetti) jipproduċu informazzjoni kontinwament maż-żmien, pereżempju permezz ta' sensori inkorporati fl-apparat, li jistgħu jiġu pproċessati minn qabel lokalment jew le. F'ħafna każijiet, l-informazzjoni ssir disponibbli għal server remot, iżda l-modalitajiet ta' dak il-ġbir jistgħu jvarjaw.
58. Xi apparati tal-IoT għandhom konnessjoni diretta ma' network pubbliku ta' komunikazzjoni b'SIM card ċellulari. Oħrajn jista' jkollhom konnessjoni indiretta ma' network pubbliku ta' komunikazzjoni, pereżempju permezz tal-użu ta' WIFI jew it-trażmissjoni ta' informazzjoni lil apparat ieħor permezz ta' konnessjoni minn punt sa punt (pereżempju, permezz tal-Bluetooth). L-apparat l-ieħor jista'

---

<sup>28</sup> Dan huwa addizzjonali għal u indipendenti mill-użu u l-funzjoni ta' indirizz IP għall-istabbiliment u t-twassil jew it-trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet tekniċi sottostanti, jew il-fatt li din tista' tkun *data* personali jew le (fir-rigward ta' analiżi tal-privatezza elettronika, din tkun "informazzjoni")

<sup>29</sup> NAT jew CGNAT fil-grad ta' Portatur jintużaw minn fornituri ta' servizzi tal-Internet biex jimmassimizzaw l-użu ta' spazju ta' indirizz IP limitat. Hija tiġbor flimkien għadd ta' abbonati taħt l-istess indirizz IP pubbliku.

<sup>30</sup> L-Opinjoni 9/2014 WP29 tipprovdi xi eżempji meta l-kunsens jista' ma jkunx meħtieġ.

pereżempju jkun smartphone jew gateway apposta li jista' jew ma jistax jipproċessa minn qabel l-informazzjoni qabel ma jibgħatha lis-server.

59. L-apparati tal-IoT jistgħu jingħataw struzzjonijiet mill-manifattur biex dejjem jgħaddi l-informazzjoni miġbura, iżda xorta waħda lokalment iqabbd l-informazzjoni l-ewwel, pereżempju sakemm tkun disponibbli konnessjoni.
60. Fi kwalunkwe każ l-apparat tal-IoT, fejn ikun konness (direttament jew indirettament) ma' network pubbliku ta' komunikazzjoni, huwa stess jiġi kkunsidrat bħala tagħmir terminali. Il-fatt li l-informazzjoni tiġi strimjata jew imqiegħda fil-cache għal rappurtar intermittenti ma jbidilx in-natura ta' dik l-informazzjoni. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet japplika l-Artikolu 5(3) tal-ePD permezz tal-istruzzjoni tal-kodiċi fuq l-apparat tal-IoT biex tintbagħat id-*data* maħżuna dinamikament lis-server remot, minħabba li hemm "kisba ta' aċċess".

### 3.5 Identifikatur Uniku

61. Għodda komuni użata mill-kumpaniji hija l-kunċett ta' "identifikaturi uniċi" jew "identifikaturi persistenti". Tali identifikaturi jistgħu jiġu derivati minn *data* personali persistenti (isem u kunjom, email, numru tat-telefon, eċċ.), li tiġi hashed fuq l-apparat tal-utent, miġbura u kondiviża fost diversi kontrolluri biex tiġi identifikata b'mod uniku persuna fuq settijiet ta' *data* differenti (bl-użu ta' *data* miġbura permezz tal-użu ta' sit web jew applikazzjoni, *data* dwar il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti (CRM) relatata ma' xiri jew abbonament online jew offline, eċċ.). Fuq is-siti web, id-*data* personali persistenti ġeneralment tinkiseb fil-kuntest tal-awtentikazzjoni jew tal-abbonament għal bulettini.
62. Kif deskritt qabel, il-fatt li l-informazzjoni tkun qed tiddaħħal mill-utent ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-ePD fir-rigward tal-ħżin, peress li din l-informazzjoni tinħażen temporanjament fuq it-tagħmir terminali qabel ma tinġabar.
63. Fil-kuntest tal-ġbir ta' "identifikatur uniku" fuq siti web jew applikazzjonijiet mobbli, l-entità li twettaq il-ġbir qed tagħti struzzjonijiet lill-brawżer (permezz tad-distribuzzjoni ta' kodiċi tan-naħa tal-klijent) biex jibgħat dik l-informazzjoni. Bħala tali qed isseħħ "kisba ta' aċċess" u japplika l-Artikolu 5(3) tal-ePD.